MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1446/2001/1

**Dake Limited**

**Vs**

**Techno Garage Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih is-socjeta' attrici qalet li hadet il-vettura taghha ghand is-socjeta' konvenuta ghat-tiswija u minflok ha l-magna ferm ghar milli kienet.

Is-socjeta' attrici talbet ukoll id-danni talli kellha tiehu l-istess vettura ghand Michael Attard Ltd biex tirranga l-hsara.

Is-socjeta' attrici talbet ukoll Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) bhala loss of use.

Illi t-total mitlub huwa Lm318.52c (tlett mija u tmintax il-lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu).

Is-socjeta’ konvenuta ppresentat Risposta fejn qalet ili kienet ghamlet it-tiswijiet skond struzzjonijiet moghtija mis-socjeta’ attrici. Is-socjeta’ konvenuta qalet li s-socjeta’ konvenuta kienet se taghmel xoghol ulterjuri izda ma ghamlitx dan minhabba insistenza tas-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra n-noti rispettivi tal-partijiet.

Ikkunsidra li Kevin Spiteri ghas-socjeta’ attrici qal li f’Gunju tas-sena 2000 kien ha l-karozza ghand is-socjeta’ attrici. Saru xi riparazzjonijiet. Wara erbat ijiem rega ha l-van ghaliex id-difett kien ghadu hemm. Saru riparazzjonijiet ulterjuri. Wara xi gimgha kellu hsara fil-van. Cempel lis-socjeta’ konvenuta u gie nformat li “nqalet id-drive shaft”. Ghalhekk xtara part minghand Michael Attard. Sar ix-xoghol ghand is-socjeta’ konvenuta u hallas l-ispejjez. L-ghada rega nqalalu dan il-hoss u raga nqalalu d-drive shaft. Rega ha l-karozza ghand is-socjeta’ konvenuta u sar xi xoghol. Wara ftit beda jhoss “grinding noise”. Kevin Spiteri qal li l-ilmenti kienu bdew f’Gunju 2000 u sa Awissu 2000 baqa’ bl-istess ilment. Ghalhekk mar ghand Michael Attard Ltd.

Kevin Spiteri cahad li s-socjeta’ konvenuta nformatu li jrid ibiddel xi affarjiet u hu ma accettax.

Sema’ x-xhieda ta’ Eric Crossley service manager ta’ Michael Attard Ltd. Crossley spjega x-xoghol li sar mis-socjeta’ Michael Attard Ltd. Crossley qal li gew uzati xi parts fil-magna li ma kienux originali u ghalhekk kien hemm “an inclination which caused further damages”. Crossly qal: “with the subframe being bent it aggravated the matter”. L-ispejjez totali ta’ Michael Attard Ltd. kienu Lm241.90c (mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin u disghin centezmu).

Meta rega xehed in kontro-ezami Kevin Spiteri qal li s-socjeta’ attrici ma kienitx kriet vettura ohra waqt li l-vettura in kwistjoni kienet ghand is-socjeta’ konvenuta.

Matthew Scicluna mechanic mas-socjeta’ konvenuta qal li meta ngabet il-vettura huma sabu problema fis-suspension arms. Scicluna qal li kien informa lil Spiteri li kellu jinbidel is-sub frame izda Spiteri kien jghid li qatt ma laqat is-subframe.

Scicluna qal li meta Spiteri gab il-vettura s-socjeta’ konvenuta ma ghamlitx rapport bil-miktub dwar l-istat tal-vettura izda daru mal-vettura flimkien ma’ Spiteri sabiex jezaminaw l-istess. Scicluna kkonferma li xtara xi spare parts li ma kienux original Peugeot parts. Scicluna qal li kien jinforma lil Kevin Spiteri meta jixtri l-parts dwar jekk dawn kienux originali jew le.

Charlot Farrugia haddiem mas-socjeta’ konvenuta qal li malli Spiteri gab il-vettura huma nformawh li kellu jinbidel is-sub frame izda Spiteri ma riedx.

Ikkunsidra li fil-waqt li s-socjeta’ attrici tallega li x-xoghol li saret mis-socjeta’ konvenuta saret hazin billi ntuzaw parts mhux originali s-socjeta’ konvenuta allegat li kienet tinforma lis-socjeta’ attrici meta kienet tuza parts mhux originali.

Illi mix-xhieda ta’ Eric Crossley gie kkonfermat li sar hsara ghaliex ma intuzax parts originali. Illi s-socjeta’ konvenuta kellha d-dover li tivverifika li l-parts li tuza jkunu adattati ghat-tiswijiet. Illi mhux bizzejjed li s-socjeta’ attrici tigi nformata li s-socjeta’ konvenuta mhix qieghda tuza parts originali. Jekk il-parts ma kienux addatati s-socjeta’ konvenuta qatt ma kellha tuzahom. Is-socjeta’ attrici kellha d-dritt li tippretendi servizz professjonali minghand is-socjeta’ konvenuta u mhux li tuza parts mhux addatati.

Illi s-socjeta’ attrici izda ma gabitx bizzejjed provi biex turi li x-xoghol kollu li sar mis-socjeta’ konvenuta kien inutili u li b’risultat ta’ dan ix-xoghol l-istess socjeta’ attrici hallset l-ammonti kollha ghalxejn. Illi ghalhekk arbitrio boni viri t-Tribunal qieghed jirriduci t-talba attrici ghal ammont ta’ Lm100.00c (mitt lira Maltin).

Ghalhekk, jilqa’ in parte t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta biex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm100.00c (mitt lira Maltin). Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------